# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark A. Mercieca)**

**vs**

**Joseph Attard**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra Joseph Attard detentur tal-karta tal-identita' numru 457275M fejn ġie akkużat talli :

"nhar it-3 ta' Frar 2018 ghall-habta tal-2320hrs gewwa residenza 60, Triq Sant'Elena, Sliema:

1. ikkommetta serq ghad-detriment ta Dolores Xuereb u jew persuni jew entitajiet ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-Iok, bil-hin u bil-valur ta aktar minn 2329.37ewro, (*Art* 261 *(b)(c)(e)(f), 263(a),* 267, *269(g), 270,* 278(3), *279(b), 280(2) ta' Kap 9).*

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, igifieri ghamel hsara filpropjeta ghad-detriment ta Dolores Xuereb u/jew persuni jew entitajiet ohra. (*Art. 325(1)(b) ta' Kap 9).*

3. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu rnill-Qorti Tal-Magistrati (Malta), b'digriet mghoti mill-Magistrat Yana MicallefStafrace LLD li permezz tieghu huwa

nghata il-helsien minn l-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat iehor u li jiffirma gewwa l-ghassa taz-Zejtun kull nhar ta Tnejn, Erbgha u Hadd u kif ukollli jirrisjied gewwa l-fond: 9, St Paul Str, Ghaxaq u jkun gewwa bejn 1900hrs sas-0700hrs.

Il-qorti hija mitluba illi f'kas ta htija, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta l-artikolu 579 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li titratta ma l-imputat bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50, 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija lilu, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula."

Rat li matul is-seduta tal-5 ta' Frar 2018 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu, u wara li kkonferixxa magħha, l-imputat tenna li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena u senjatament li f'dan il-każ il-partijiet kienu jaqblu li l-imputat maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-droga filwaqt li din il-Qorti ġiet mistiedna sabiex tieħu in konsiderazzjoni l-fatti tal-każ u tikkundanna lill-ħati għall-piena li pero tkun qrib il-minimu.

Il-Qorti qieset li f'dan il-każ, l-imputat jirriżulta li huwa pluri-reċidiv kif ukoll li l-aħħar li kien ingħata l-ħelsien mill-arrest kien nhar it-30 ta' Jannar 2018. Iżda minkejja li ingħata l-ħelsien mill-arrest, erbat ijiem wara reġgħa nqabad jisraq minn residenza ta' mara anzjana. L-imputat jammetti li huwa għandu l-vizzju tad-droga. Il-Qorti tinnota li f'diversi setturi tas-soċjeta Maltija, inkluż dak medjatiku, il-vizzju tal-abbuż mid-droga sar jinġieb il-quddiem qisu xi forma ta' skużanti għal reati kriminali li jkunu ġew kommessi. Il-Qorti tħeġġeġ lill-imputat li jersaq biex jieħu l-għajnuna u tkun minn ta' l-ewwel li tipprovdilu l-

opportunitajiet miftuħa għalih. Iżda għalkemm huwa vitma ta' vizju qerriedi, li probabbilment ġabu fuqu, il-Qorti tqis li l-akbar vitma f'dan il-każ hija dik il-persuna anzjana li t-trawma mis-serqa li għaddejja minnha ma ġabithiex b'idejha hi. L-imputat irid jifhem it-trawma li għaddejja minnha Dolores Xuereb intortament, trawma li ser tibqgħa tgħix biha għal żmien twil.

## *DEĊIDE*

Li wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 289, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264(1), 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b), 280(2), 325(1)(b), 533 u 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda ssib lill-**Joseph Attard**, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u wara li għall-fini ta' piena qegħda tqis li t-tieni imputazzjoni serviet bħala mezz għall-fini sabiex jiġi kommess is-serq imputat fl-ewwel imputazzjoni, tikkundannah għall-piena komplessiva ta' **sentejn priġunerija**; u tordna li l-ammont stabbilit fid-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija fl-ammont t'għaxart elef euro (€10,000) għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

Inoltre stante li f'dan il-każ ma jirriżultawx li saru spejjeż peritali tastjenu milli tieħu konjizzjoni tat-talba ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-zmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum, it-8 ta' Frar 2018 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

***Maġistrat***

Ammissjoni/preżentata/priġunerija effettiva